Minuti tat-tnejn u tlettin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali l-Gudja li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit) nhar it-Tlieta 19 t'Awwissu 2014 fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ: | Melanie Bugeja |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |

**<u>Aġenda:-</u>**

1. Approvazzjoni ta' minuti:-
   a. Minuti 28/7 – 19 ta' Ġunju 2014
   b. Minuti 29/7 – 30 ta' Ġunju 2014
   c. Minuti 30/7 – 03 ta' Lulju 2014
   d. Minuti 31/7 – 31 ta' Lulju 2014

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
      i. Viċi-Sindku
      ii. Kunsillieri
   c. Korrispondenza

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti

4. Xogħlijiet u Progress – Triq Ħal Safi u bankina tal-istess triq

5. Playing field fi Ġnien Raymond Caruana – Progress u Kontijiet

6. Finanzi:-
   a. Petty Cash;
   b. Skeda ta' Pagamenti;
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

7. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-5.55pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**1.0 <u>Approvazzjoni ta' minuti:-</u>**

**<u>a. Minuti 28/7 – 19 ta' Ġunju 2014</u>**
**<u>b. Minuti 29/7 – 30 ta' Ġunju 2014</u>**
**<u>c. Minuti 30/7 – 03 ta' Lulju 2014</u>**
**<u>d. Minuti 31/7 – 31 ta' Lulju 2014</u>**

1.1 Il-minuti tal-laqgħat 28, 29, 30 u 31/7 ġew ċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel il-laqgħa. Dawn ġew meħuda bħala moqrija u wara ġew approvati nem con.

## 2.0 Kommunikazzjonijiet

2.1.0 Sindku

2.1.1 Laqgħa mal-uffiċjali tal-MEPA:-

i. dwar proġetti ta' bini li peress sar tħaffir u jinsab mitluq u li dwaru saret talba riċentament sabiex jiġi mġġedded il-permes tal-bini b'5 snin oħra. Is-Sindku qal li wara li l-Kunsill kiteb dwar li l-qagħda preżenti qed toħloq kemm inkonvenjent, kif ukoll riskju, il-MEPA talbet din il-laqgħa sabiex jiġi spejgat kif il-MEPA timxi meta tiġi mitluba sabiex iġġedded permess u dwar dak li jista' jsir sabiex l-iżvilippatur jiġi msejjaħ sabiex jonqos l-inkonvenjent u riskji fuq il-post tal-iżvilupp.

Il-MEPA spjegat illi barra mill-MEPA jista' jkun hemm entitajiet oħra li jistgħu jkunu nvoluti sabiex jinkiseb rimedju u b'hekk tinsab soluzzjoni xierqa u jiġi mneħħi kemm l-inkonvenjent kif ukoll ir-riskju.

ii. Master Plan li jirrigwarda l-iżvilupp madwar u fil-konfini tal-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-Gudja. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa huwa insista li l-Kunsill għandu jingħata kumpens xieraq dwar il-binja ta' Sky Parks u kull żvilupp ieħor. Is-Sindku qal li l-uffiċjali tal-MEPA irribattew billi qalu li ma kienx hemm fondi taħt l-iskema tal-UIF peress li fil-proġett kien hemm parkeġġ biżżejjed. L-istess uffiċjali qablu li huma stess kienu sejrin iresqu l-interess tal-Kunsill rigward li l-Kunsill jingħata l-kumens xieraq meta jiġi mwettaq xi parti mill-iżvilupp kif huwa kontemplat fil-Master Plan li diġa jinsab quddiem il-MEPA iżda li jidher li dan il-Master Plan jista' jiġi mwettaq f'partijiet diversi u f'diversi fażijiet li jistgħu wkoll jieħdu ħafna snin.

Is-Sindku qal li għalhekk kemm huwa kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv sejrin jimmonitoraw dan il-Master Plan sabiex jiġi assigurat li l-interessi tal-Kunsill u tar-residenti tal-Gudja jiġu mħarsa kif meħtieġ f'dan ir-rigward.

2.1.2 L-armar tal-Festa ta' Santa Marija. Is-Sindku qal li fi ftehim li sar mal-Pulizija kien ġie deċiż li l-għada li tgħaddi l-Festa ta' Santa Marija, jiġifieri fis-16 t'Awwissu, għandhom jinfetħu t-toroq speċjalment Triq Raymond Caruana. Is-Sindku qal li ġara illi din is-sena dawn it-toroq baqgħu magħluqa fis-16 t'Awwissu u dan minħabba li kien hemm armar tal-festa li ma ġiex maqlugħ u dan żamm milli jħalli lit-traffiku jgħaddi liberu minn din it-triq ewlenija fil-Gudja. Il-Kunsill iddeċieda illi għandu jitlob lill-Arċipriet sabiex jispeċifika sa xħin għandhom jibqgħu magħluqa t-toroq l-għada tal-Festa (16 t'Awwissu) u b'hekk ikun hemm immaniġġjar tat-traffiku, aħjar.

2.2.0 Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri

2.2.1 Viċi-Sindku

a. Quddiesa ta' Santa Marija – 15 t'Awwissu 2014. Is-Sur Baldacchino qal illi huwa xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar inċident li seta' inqala li meta l-mara tiegħu kienet riesqa miegħu sabiex tpoġġi miegħu fil-bank ta' quddiem peress li huwa kien ġie delegat li jirrapreżenta lis-Sindku, waħda mill-organizzaturi, talbitha sabiex tmur tpoġġi fuq il-bank ta' wara u mhux mas-Sur Baldacchino fl-ewwel bank.

Kemm is-Sindku kif ukoll il-kunsillieri kollha qablu li dan kien żball serju mill-orgnaizzaturi li m'għandux jiġi ripetut f'okkażjonijiet oħra. Il-Kunsill iddeċieda li jikteb lill-Arċipriet dwar dan l-inċident sabiex jinfurmah dwar dak li ġara u sabiex l-Arċipriet jitlob lill-orgnaizzaturi sabiex fil-futur jimxu mal-protokol u b'hekk inċidenti simili jiġu evitati.

b. GreenPak Award – Ġbir ta' ħwejjeġ użati. Is-Sur Baldacchino qal illi riċentament huwa attenda għaċ-ċerimonja fejn tħabbar li l-Kunsill ġie fit-tieni post dwar ġbir ta' ħwejjeġ użati fil-kampanja favur l-Inspire.

c. Il-playing field fi Ġnien R. Caruana – laqgħa mal-furnituri. Is-Sur Baldacchino qal li illum stess (19 t'Awwissu fit-3.00pm) kellu laqgħa fuq il-post mal-furnituri fejn ġie nnutat

diversi ħsarat fosthom dawk li juru li parti mill-apparat ma kienx b'saħħtu biżżejjed u għalhekk jew għandu jiġi msewwi sewwa jew jinbidel. L-art, iż-żurżieqa, il-lasta tal-futbol u l-gazebo għandhom jiġu rranġati mill-furnaturi. Is-Sur Baldacchino semma' wkoll il-vandaliżmu fuq l-ajruplan u dan għandu jiġi mibdul bi spiża għall-Kunsill.

Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill kien qiegħed jaħdem dwar CCTV fuq din il-playing field sabiex jonqos il-vandaliżmu.

d. Ġest ta' ħbiberija bejn il-każini tal-Baned ġewwa l-Gudja nhar il-Festa ta' Santa Marija fil-15 t'Awwissu 2014. Is-Sur Baldacchino xtaq juri l-apprezzament tiegħu u li kien żgur li kulħadd kien qed jaqbel miegħu, li ż-żewġ baned urew ġest ta' ħbiberija riċiproka meta ltaqgħu quddiem il-każini rispettivi u dan ġab ferħ u armonija qalb il-Gudjani u dawk kollha li kienu preżenti.

Il-Kunsill innota dan is-sens ta' maturità li filwaqt li ġie apprezzat għandu wkoll jiġi mfaħħar għaliex din tiftaħ it-triq għal aktar ħidma pożittiva b'risq il-komunità kollha tal-Gudja.

e. Sorveljanza tal-Pulizija ġewwa l-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal illi jidher li l-vandaliżmu ġewwa l-Gudja kien qed jerfa rasu u għalhekk għandha titntalab s-sorveljanza tal-Pulizija f'ħinijiet u ġranet diversi speċjalment fi Ġnien G. Cassar u Ġnien R. Caruana. Saret diskussjoni dwar meta din is-sorveljanza għandha issir. Ġie stabbilit illi sorveljanza hija żgur meħtieġa speċjalment il-Ġimgħa filgħaxija, is-Sibt u l-Ħadd. Huwa neċessarju li l-Pulizija għandha tħares l-inħawi b'mod li tagħti titwila f'diversi ħinijiet u b'hekk ikun jidher ċar li hemm sorveljanza u li l-inħawi ikunu mħarsa. Il-ġirien jistgħu wkoll ikunu ta' għajnuna.

Is-Sindku qal illi fil-preżent il-Pulizija qegħda titlob illi jkollha informazzjoni dwar min ikun informa lill-Kunsill dwar il-vandaliżmu sabiex meta l-ħatja jitresqu l-Qorti, il-Pulizija jkollha xhieda tajba u l-ħatja jieħdu l-ġudizzju kif jixraq.

Il-Kunsill huwa tal-fehma li minħabba raġunijiet serji, min jagħmel ir-rapport ma jkunx irrid juri ismu jew jitla' jixhed. Il-pulizija għalhekk tkun qed taġixxi b'mod ristrett iżda meta tkun il-Pulizija stess li taqbad lil min jagħmel il-ħsara ma jkunx hemm bżonn ta' xiehda. Il-ħtieġa hija li ma ssirx ħsara u għalhekk s-sorveljanza tal-Pulizija hija meħtieġa għaliex mhux l-iskop tal-Kunsill li jtella' n-nies il-Qorti iżda li ma ssirx ħsara fil-Gudja.

2.2.2 Kunsillieri

a. Kunsillier Mark Anthony Sammut.

i. Użu tal-grawnd fit-30 t'Awwissu bejn it-8.30am u n-12.30pm il-grawnd sħiħ. Is-Sur Sammut qal li Club 3-16 li jopera fl-Iskola Primarja tal-Gudja matul is-Sajf talab li juża dawn il-ħinijiet. Is-Sur Sammut qal li huwa kien diġa għamel l-arranġamenti meħtieġa. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Sammut u ħeġġeġ sabiex issir aktar użu tal-grawnd minn żgħażagħ u adulti għaliex kien b'dan il-għan li l-Kunsill daħal fi ftehim mal-Gudja United FC dwar l-użu tal-grawnd u faċilitajiet miegħu.

ii. Attività – Youths Decide Act 23 ta' Awwissu 2014. Sports mill-4.00pm sas-6.30pm u BBQ mis-7.00pm sal-10.00pm fi Pretty Bay, Birżebbuġa. Is-Sur Sammut qal li din l-attività hija parti mill-programm maħsub sabiex iż-żgħażagħ jersqu aktar lejn il-Kunsill. Din l-attività sejra tinvolvi lill-Kunsill fi spiża żgħira ħafna li tikkonsisti f'xiri ta' xi BBQ trays (li jintremew wara l-użu) u trasport kemm għall-Pretty Bay u lura. Dan jista' jsir b'mini bus li titlaq mill-venda tal-Gudja. Il-Kunsill approva dwar dak li qal is-Sur Sammut.

iii Attività – Youths Decide Act – Treasure Hunt – 08 ta' Settembru 2014. Is-Sur Sammut qal li din hija wkoll attività li tinvovli ż-żgħażagħ li sejra ssir sabiex dawn isiru jafu aktar dwar dak il-ġmiel u assi li tipposjedi l-Gudja. L-ispiża tal-Kunsill hija anqas minn €50.00. Il-Kunsill approva dwar dak li qal is-Sur Sammut.

iv Attività – Youths Decide Act – Seminar/Workshop – 13 ta' Settembru 2014. Is-Sur Sammut qal li kienu qed isiru preparamenti dwar din l-attività u li dettalji dwara jkunu jistgħu jingħataw fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill. Is-Sur Sammut qal li l-ispejjeż għall-Kunsill sejrin ikunu ftit. Il-Kunsill approva dwar dak li qal is-Sur Sammut.

b. Kunsilliera Demelsa Grech

i. Laqgħa mal-uffiċjali tal-MEUSAC. Ms. Grech qalet li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv hija kellha laqgħa informattiva mal-uffiċjali tal-MEUSAC fejn ġie spejgat l-għajnuna li tista' tagħti l-MEUSAC lill-Kunsill sabiex jikseb fondi mill-Ewropa. Ms. Grech qalet li l-proċess huwa wieħed kontinwu u hija kienet qed taħdem dwar dan flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex il-Kunsill ikompli jaħdem sabiex jinkisbu fondi għal proġetti żgħar u possibilment kbar ġewwa l-Gudja. Ms. Grech qalet illi l-koperazzjoni hija meħtieġa u kull min jista' jgħin jista' jagħmel dan b'mod ta' koperazzjoni f'ħidma pożittiva.

ii. Programm ta' Life Long Learning fiċ-Ċentru tal-Kunsill fl-Iskola Primarja tal-Gudja. Ms. Grech qalet li kienet qed tinforma lill-Kunsill dwar dan il-programm kif ġej.

Malti (Livell Bażiku), Ingliż (Livell Bażiku), Xjenza (Livell Bażiku), Maths (Livell Bażiku), Gardening (Certificate of Attendance), Ganutell (VET Level 1), Health, Wellbeing and Successful Ageing (MQF Level 1), Arts & Craft għat-tfal bejn 6 u 12-il sena€10.00 għal għaxar lezzjonijiet ta' sagħtejn il-waħda (starter pack inkluż fil-prezz) kull nhar ta' Sibt li jibdew fil-11 t'Ottubru 2014. Kors A mit-8.00am sal-10.00am jew kors B mill-10.00am sal-12.00pm, Beading & Beading Tapestry għall-adulti €10.00 għal għaxar lezzjonijiet ta' sagħtejn kull waħda, kull nhar ta' Ġimgħa bejn id-9.00am u l-11.00am, Hansa għall-adulti €10.00 għal ħames lezzjonijiet ta' sagħtejn kull waħda, kull nhar ta' Ġimgħa bejn il-11.00am u s-1.00pm

Parti mill-programm sejjer ikun imtella' mill-Direttorat tat-Tagħlim Matul il-Ħajja u l-parti l-oħra direttament mill-Kunsill billi jakwista s-servizz ta' għalliema kompetenti fis-suġġett indikat. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li dwar dawk il-lezzjonijiet imtella' direttament mill-Kunsill ikun hemm ħlas lill-għalliema mill-Kunsill ta' €25.00 għal kull lezzjoni ta' mhux anqas minn sagħtejn. Kull min jattendi jagħmel kontribuzzjoni ta' €10.00 għall-kors kollu.

Fil-każ tal-kors tal-arti li huwa maħsub aktar għat-tfal (iżda jista' issir arranġamenti anke jekk ikun hemm adulti) jingħata starter pack li jitħallas mill-Kunsill sa massimu ta' €5.00. Fejn ikun possibli, għandhom isiru wirjiet u jiġu eżebiti xogħlijiet li jkunu saru mill-istudenti matul il-kors rispettiv.

Dwar il-kors Craft tal-Milied għall-adulti, il-Kunsillier S. Caruana qal li l-wirja tkun bħala waħda mill-attivitajiet li jkunu maħsuba għall-festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena li jtella' l-Kunsill.

Il-Kunsill qabel ukoll li tintbagħat ċirkulari fid-djar u postijiet oħra sabiex iħajru lir-residenti sabiex jipparteċipaw f'dawn il-korsijiet ta' tagħlim siewi matul il-ħajja.

Ms. Grech irringrazzjat lill-Kunsillieri kollha u l-amministrazzjoni tal-Kunsill għall-koperazzjoni u l-ħidma tagħhom sabiex jittella' dan il-programm ta' tagħlim li żgur huwa ta' siewi għal kulħadd.

Il-Kunsill approva dan il-programm u qabel ukoll illi s-Sur Formosa jkompli jkun il-kordinattur ta' dan iċ-Ċentru u li jassigura li kollox jimxi sewwa u kif meħtieġ għall-aqwa tagħlim u serjetà. Il-Kunsill qabel li l-bidu ta' dawn il-lezzjonijiet ikunu fl-01 t'Ottubru 2014.

iii Serata ta' Qari u Poeżija fi Ġnien R. Caruana fit-22 ta' Awwissu 2014 imtella' mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb flimkien mal-Kunsill Lokali l-Gudja. Ms. Grech qalet li din is-serata hija maħsuba li tkun fuq skala nazzjonali. Din l-attività hija maħsuba li tibda wara s-7.00pm . L-involviment tal-Kunsill huwa li jipprovdi l-post (amfitejatru Ġnien R. Caruana) u dawl. Il-Kunsill qabel ukoll li jkun hemm bibta żgħira u l-ispejjeż kollha għall-Kunsill ma għandhomx jaqbżu l-€100.00

Ms. Grech stiednet lis-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri kollha sabiex jattendu u li jħeġġu sew qraba u ħbieb li jkunu hemm għaliex din l-attività hija divertenti u ta' tagħlim.

c. Kunsillier Stefan Caruana

i. Xewqat tajba lis-Sur Charles Zammit. Is-Sur Caruana qal li bħal kulħadd huwa kien inħasad meta sar jaf li l-voluntier tal-Kunsill is-Sur Zammit daħal l-isptar b'mod urġenti. Is-Sur Caruana ppropona li tintbagħat kartolina ta' 'Get Well Soon'. Il-Kunsill b'mod unanimu faħħar il-ħidma u l-koperazzjoni tas-Sur Zammit u qabel ma' dak li ppropona s-Sur Caruana li jintbagħatu xewqat sbieħ (Get Well Soon) li tiġi ffirmati minn kulħadd. Dan juri kemm il-Kunsill japprezza l-ħidma tas-Sur Zammit li juri sostenn u koperazzjoni tiegħu fil-ħidma tal-Kunsill b'risq il-Gudja.

ii. Ħamiem fi Triq San Ċiru kantuniera ma' Triq Santa Katarina. Is-Sur Caruana qal li qed jaslu ħafna ilment li hemm kwantità kbira ta' ħamiem mitluq li qed iħammeġ l-inħawi u li r-residenti ma jistgħux jonxru ħwejjiġhom fuq il-bejt tagħhom għaliex dawn isiru kollha ħmieġ tal-ħamiem. Saret diskussjoni dwar dak li jista' jsir għaliex jista' jirriżulta li xi bini mhux okkupat baqa' miftuħ u ġie mimli bil-ħamiem bħala barumbara. Ġie ssuġerit li jiġi nfurmat tas-Sanità jew il-Pulizija sabiex jinsab s-sid tal-post fejn qed jitrabba dan il-ħamiem. Il-Kunsill, għalkemm ma setax jieħu deċiżjoni dwar dak li jista' jsir qabel li ssir sorveljanza flimkien mal-ġirien sabiex jinkiseb tagħrif ta' minn fejn ġej il-ħamiem u jinsab xi sid u b'hekk tkun tista' tittieħed azzjoni konkreta u jitneħħa l-inkonvenjent.

iii. Attività 'Erba' Staġuni' – kunċerti fil-Kappella ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ il-Gudja. Is-Sur Caruana qal li l-attivitajiet li jmiss sejrin jikkonsistu f'sensiela ta' kunċerti f'Bir Miftuħ. Is-Sur Caruana qal li sejrin jitkomplew jitwaħlu tabelli simili quddiem postijiet storiċi u ta' importanza fil-ħajja kulturali ġewwa l-Gudja u fl-inħawi tal-madwar.

iv. Qtugħ ta' dawl ġewwa l-Gudja qrib il-ġurnata tal-Festa ta' Santa Marija 15 t'Awwissu 2014. Is-Sur Caruana qal li xtaq li l-Kunsill jagħmel rappreżentazzjoni, kif għamel il-Kunsill ta' Ħal Qormi, sabiex ir-residenti jingħataw kumpens għal xi ħsarat li sofrew billi kellhom jarmu ikel u spejjeż oħra li wieħed ikollu wara li jinqata d-dawl għal xi ħin.

Il-Kunsill, filwaqt li qabel mas-sentimenti espressi mis-Sur Caruana. Stqarr li fiċ-ċirkustanzi u peress li kien hemm opinjonijiet diversi minn entitajiet nazzjonali, ma setgħax jasal għal deċiżjoni finali dwar dan. Il-Kunsill qabel li jsegwi dwar dan fuq livell nazzjonali sabiex ikun f'pożizzjoni li jinforma lir-residenti bl-aħjar mod meta jkun hemm aktar żviluppi dwar xi kumpens possibli.

2.3.0 Korrispondenza

2.3.1 Laqgħa dwar il-V18. Il-Kunsill ġie nfurmat dwar din il-laqgħa u qabel li jingħataw id-dati tal-15, 16, 17 ta' Settembru 2014 bil-possibiltà li tingħażel l-aħjar data u ħin prefibilment wara l-4.00pm sabiex kulħadd ikun jista' jattendi u jipparteċipa. Il-Kunsilliera jiġu nfurmati dwar din il-laqgħa u l-ħin kif appena is-Sur Azzopardi jinforma lill-Kunsill dwar dan.

**3.0 Rapporti:-**

**a. Ilmenti**

3.1 Ilmenti. Il-Kunsill ħa konjuzzjoni tal-ilmenti li rċieva l-Kunsill u ħa konjuzzjoni dwar kif il-Kunsill wieġeb u aġixxa sabiex dawn l-ilment jiġu konsidrati fl-aqsar ħin possibli għas-sodisfazzjoni għal kull min ikun għamel ilment jew xi forma ta' kumment u rakkomandazzjoni.

**4.0 <u>Xogħlijiet u Progress – Triq Ħal Safi u bankina</u>**

4.1 Triq Ħal Safi – xogħol ta' bankina u xogħol ta' resurfacing. Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-Perit tal-Kunsill Audrey Bonnici f'isem Med Design, infurmat lill-Kunsill li l-permessi meħtieġa kienu waslu.

4.2 Il-Kunsill qabel li jsiru co-ordination meetings sabiex qabel ma jibda x-xogħol kull min ikun konċernat ikun jaf dwar dak meħtieġ u s-sehem tiegħu/tagħha dwar dan il-proġett.

L-ewwel co-ordination meeting għandu jsiru mal-kuntrattur Denfar, Perit tal-WSC, Perit tal-Kunsill fil-preżenza tas-Sindku ( u Kunsillieri oħra kif ikun possibli).

Wara dan il-co-ordination meeting il-Kunsill ikollu stampa aktar ċara ta' dak meħtieġ u jkun jista' joħroġ il-works order tad-Denfar.

F'dan l-istadju għandu wkoll isir meeting mal-uffiċjali tal-iStorm Water Unit bil-ħsieb li jkun hemm koordinatment dwar xogħol ta' culvert u li tiġi esplorata l-possiblita li jekk dan issir mill-kuntrattur tal-Kunsill, issir finanzjament mill-WSC jew entità oħra responsabbli mill-iStorm Water Unit jew minn xi entità oħra responsabbli.

4.3 Dwar ix-xogħol tal-ilma li jkun mitlub mill-WSC il-Kunsill jeżiġi li jkun jaf dwar l-ammont li sejjer ikun imħallas mill-WSC direttament lill-kuntrattur u dwar l-ammont li jkun irridu jitħallas mill-Kunsill lill-kuntrattur, għalkemm dan ix-xogħol sejjer issir f'isem il-WSC.

4.4 Il-kuntrattur, qabel ma jingħata l-Works Order mill-Kunsill għandu wkoll jiġi nfurmat sabiex japplika lit-TM sabiex din tinforma lil kull min għandu interess sabiex jagħti l-kunsens/rimarki tiegħu u x-xogħol issir bl-aħjar kordinament possibli.

**5.0 <u>Playing field fi Ġnien Raymond Caruana – Progress u Kontijiet</u>**

5.1 Din it-tema diġa ġiet diskussa aktar 'il fuq f'dawn il-minuti – tema 2.2.1.c.

**6.0 <u>Finanzi</u>**

6.1 Petty Cash. Il-Petty Cash għax-xahar ta' Ġunju 2014 bl-ammont ta' €17.46 ġie approvat.

6.2 Skeda ta' Pagamenti. L-iskeda tal-pagamenti 14/7 għax-xahar ta' Ġunju u Lulju għas-somma totali ta' €42,237.71 ġiet approvata kif ppreżentata wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammonti kif murija fl-istess skeda.

6.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet

6.3.1 Il-Kunsill approva x-xiri ta' servizzi u materjal kif imsemmija aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti.

6.3.2 Il-Kunsill approva wkoll ix-xiri ta' servizzi u materjal kif sejjer jissemma' hawn taħt:-

a. restawr tal-irħama bl-isem tat-Triq R. Caruana għaliex fil-preżent dan intefa u t-triq mhix indikata sewwa
b. Tabella ma' Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Glormu Cassar
c. Tabella waħda fi Triq J. Gravina li għandha tindika:-
    i. karozzi għandhom jiġu pparkjati bil-pipe tal-exhaust 'il barra
    ii. karozzi għandhom jiġu pparkjati bejn is-sinjali

d. Xiri ta' 3 bollards li għandhom jitwaħħlu kif se jiġi indikat:-
   i. Fi Triq G. Cassar
   ii. fit-tarf ta' Triq il-Kbira li tgħaqqad ma' Wesgħet A. Dalli (kantuniera)
   iii. Triq San Ċiru ma' Triq Bettina

6.3.3 Xiri ta' erba' bins xierqa għall-Pjazza u fl-inħawi tal-madwar, u xiri ta' żewġ flower pots xierqa fil-Pjazza. Kemm dwar il-bins kif ukoll il-flower pots, il-Kunsill qabel li l-Viċi Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv jistħarġu dwar x'hawn fis-suq u jieħdu pariri meħtieġa sabiex jiġi assigurat li l-Kunsill jotjeni l-aħjar u li jkun jixraq lill-ambjent filwaqt li dak li jinxtara jkun bil-galbu u bl-aħjar prezz possibli ankè jekk dan issir b'direct order.

**7.0 <u>Għeluq tal-laqgħa u aġġornament</u>**

7.1 Triq li tissemma għal Victor Passmore – Pittur ta' fama internazzjonali. Is-Sur Baldacchino qal li peress l-armla ta' Victor Passmore għandha età qrib il-mitt sena huwa xtaq li ssir aktar pressjoni fuq l-Istreet Naming Committee sabiex il-Kunsill jikseb il-permessi meħtieġa u jsemmi t-triq ta' fejn ghex u miet Victor Passmore ġewwa l-Gudja għaliex din tpoġġi lill-Gudja fid-Dinja Internazzjonali tal-Arti Kontemporanja. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino.

7.2 L-isem ta' min ikun għamel l-ilment. Is-Sur Baldacchino qal illi kemm jista' jkun il-Kunsill ikollu l-isem ta' min ikun għamel l-ilment u b'hekk ikun jista' jsir il-follow up dwar dak li jkun meħtieġ. Is-Sur Baldacchino qal li l-isem u n-numru tat-telefown huwa importanti mhux li l-Kunsill ikun sejjer jikseb l-identità iżda sabiex jiġi assigurat li min jilmenta jingħata widen u sodisfazzjon li jitwettaq dak li jkun meħtieġ fl-aqsar ħin possibli.

7.3 Xogħol fil-mużew tal-Bniet, fi Triq l-Annunzjata, il-Gudja. L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Ms Bugeja qalet li fil-kuntatt li kellha dan l-aħħar mas-Superjura tal-Bniet, din għarfitha li kien hemm ħsarat ġewwa l-bini tal-istess mużew speċjalment f'ħajt u hemm il-ħtieġa li tingħata manutenzjoni.

Ms. Bugeja staqsiet jekk ikunx possibli li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill fl-iskema ta' Community Service jintbagħatu sabiex jagħmlu x-xogħol u l-Kunsill joħroġ il-materjal peress li l-mużew ma għandux fondi filwaqt il-mużew huwa wkoll ċentru ta' tagħlim li jgħin fil-formazzjoni tajba lil ħafna bniet fil-Gudja.

Il-Kunsill filwaqt li wera sentiment pożittiv dwar dak li qalet Ms. Bugeja, ma kienx f'pożizzjoni li jiddeċiedi peress li l-mużew huwa post f'bini privat.

Fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikseb aktar tagħrif dwar il-kompetenza u l-possibilita li l-Kunsill joffri l-għajnuna, liema linji gwida u permessi għandhom jinkisbu bil-miktub kemm mingħand l-ETC li tħaddem l-iskema tal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill, kif ukoll mingħand id-Dipartiment tal-Gvern lokali sabiex jiġi assigurat li l-Kunsill ikun qed jimxi mar-regolamenti dwar l-infieq u finanzjament tal-Kunsill.

Il-Kunsill ma jkunx jista' jilqa t-talba jekk ma jkollux risposti pożittivi dwar dak mitlub għaliex ikun hemm riskju li l-Kunsill jidħol fi preċident u jkun ukoll espost li jilqa t-talbiet ta' għaqdiet u nies oħra li jipretendu li jirċievu għajnuna ta' din it-tip mill-Kunsill.

***Aġġornament***

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm u ġiet aġġornata għal 15 ta' Settembru 2014 fis-5.45pm (jekk ma jkunx hemm xi bdiel fid-data) fuq aġenda li tiġi ċirkulata lill-kunsillieri kollha aktar 'il quddiem qabel il-laqgħa.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati:-